QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD
B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Liam Debono**

**Kumpilazzjoni numru 418/2018**

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Liam Debono** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 187301 (L) billi huwa akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2017 minn gewwa Triq Gananton Tanti Tarxien flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL029 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Anthony Abela u/jew

persuna/i ohra. *(Art 261, 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. U aktar talli f'Mejju 2017 gewwa Tarxien u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis tal-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni HAS389 *(Art 298D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. U aktar talli f'Mejju 2017 gewwa Tarxien u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka tar-registrazzjoni tal- vettura u cioe numru tar-registrazzjoni HAS389, jew xort ohra baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur. (*Regolament 44. (1) (4) tal-legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta)*

4. U aktar talli f'Mejju u Gunju 2017 gewwa dawn il-Gzejjer, saq il-vetturi tal-ghamla Maruti bin-numri tar-registrazzjoni HAS389, tal-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAA195 u il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL029 fit-triq kemm il-darba ghall-uzu ta' dawn il-vetturi minnek, ma kinitx fis-sehh b'polza ta' assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi. *Artikoli 3(1) tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta*

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vetturi tal-ghamla Maruti bin-numri tar-registrazzjoni HAS389, tal-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAA195 u il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL029 meta ma kellux licenzja tas-sewqan. *Artikoli 15(1),(a) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta*

6. U aktar talli bejn id-19 u is-26 ta' Mejju 2017 xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe vetturi tal-ghamla Maruti bin-numri tar-registrazzjoni HAS389, tal-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAA195 u il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL029, li il-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disghin centezmu (€232.90) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti. *Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisirt il-provedimenti ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghek mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD fil-30 ta' Novembru 2016 fejn gejt skwalifikat milli jkollok jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-skwalifika milli jkollu jew jottjeni il-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-9 ta' Novembru 2017 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti qabel taghti d-decizjoni taghha se tara l-Archbold[1] x'jghid fejn jidhlu l-minorenni jew kif inhu maghruf il-*young offender*:

[1] Magistrates' Courts Criminal Practice 2016, **Sentencing in the Youth Court**, pg. 1867 et. Seq.

A court sentencing a young offender must be aware of obligations under a range of international conventions which emphasise the importance of avoiding "criminalisation" of young people whilst ensuring that they are held responsible for their actions and, where possible, take part in repairing the damage that they have caused. This includes recognition of the damage caused to the victims and understanding by the young person that the deed was not acceptable. Within a system that provides for both the acknowledgement of guilt and sanction which rehabilitate, the intension is to establish responsibility and, at the same time, to promote re-integration rather than to impose retribution.

A court sentencing a person under the age of 18 is obliged to have regard to the principal aim of the youth justice system (to prevent offending by children and young persons) and to the welfare of the offender. As the principal aim of the youth justice system is the prevention of offending by children and young people, the emphasis should be on approaches that seem most likely to be effective with young people.

Young people are unlikely to have the same experience and capacity as an adult to realise the effect of their actions on other people or to appreciate the pain and distress caused and because a young person is likely to be less able to resist temptation, especially where peer pressure is exerted.

It is also important to consider whether the young offender lacks the maturity fully to appreciate the consequences of his conduct and the extent to which the offender has been acting on an impulsive basis and the offender's conduct has been affected by inexperience, emotional volatility or negative influences.

In most cases a young person is likely to benefit from being given greater opportunity to learn from mistakes without undue penalisation or stigma, especially as a court sanction might have a significant effect on the prospects and opportunities of the young person, and, therefore, on the likelihood of effective integration into society.

**KONSIDDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u*

*ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u minhabba diversi fatturi li se telenka, jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li seduta stante skuza ruhu mal-kwerelanti fejn dawn hafrulu u qalu li m'humiex interessati fi proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat u li m'ghadx ghandhom pendenzi lanqas civili mal-imputat u l-eta' tal-imputat li l-Qorti hi obbligata li tnaqqas bi grad il-piena moghtija.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(1), 298D u *334* tal-Kap 9, Artikoli 3(1) tal-Kap 104, Artikoli 15(1),(a) tal-Kap 65 u Regolament 44. (1) (4) tal-legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Liam Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Liam Debono bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Liam Debono.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

*Inoltre,* tikkundannah ghal multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000).

Il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-hati mil-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' hames (5) snin minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**